

32003R0649

11.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 95/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 649/2003**ta' l-10 ta' April 2003****le jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 139/81, (KE) Nru 936/97 u (KE) Nru 996/97 dwar l-importazzjoni ta' prodotti taċ-ċanga u l-vitella**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2345/2001 ⁽²⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 139/81 tas-16 ta' Jannar 1981 li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet għad-dħul ta' ċerti kwalitajiet ta' ċanga u vitella ffriżata taħt is-sotto-titolu 0202 30 50 tan-Nomenklatura Magħquda ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 264/1999 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) miġjub fih,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 936/97 tas-27 ta' Mejju 1997 li jagħti ftuħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal kwalità għolja ħafna ta' laħam taċ-ċanga mkessaħ u ffriżat, u għal-laħam iffriżat tal-buflu ⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1781/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) miġjub fih,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 tat-3 ta' Ġunju 1997 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffi ta' importazzjoni għal qatgħat irqaq ta' annimali bovini li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi CN 0206 29 91 ⁽⁷⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1266/98 ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) miġjub fih,

Billi:

- (1) Taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 139/81, (KE) Nru 936/97 u (KE) Nru 996/97 iċ-ċertifikati ta' awtentiċità għandhom jinħarġu qabel ma ċerti prodotti jiġu impurtati jew ammessi taħt sotto-titoli speċifiċi tan-nomenklatura magħquda. Il-listi ta' l-awtoritajiet li jorġu tali ċertifikati huma mehmuża ma' dawk ir-Regolamenti.

- (2) L-Arġentina biddlet l-isem ta' l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati ta' l-awtentiċità.

- (3) Ir-Regolamenti (KEE) Nru 139/81, (KE) Nru 936/97 u (KE) Nru 996/97 għandhom, għalhekk, ikunu emendati kif suppost,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (KEE) Nru 139/81 għandu jinbidel bit-test li hemm fl-Anness hawn taħt.

Artikolu 2

Fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 936/97, l-isem ta' l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati "Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentación (SAGPyA)" għandu jinbidel b'"Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos (SAGPyA)".

Artikolu 3

Fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 996/97, l-isem ta' l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati "Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentación (SAGPyA)" għandu jinbidel b'"Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos (SAGPyA)".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' April 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 29.⁽³⁾ ĠU L 15, tas-17.1.1981, p. 4.⁽⁴⁾ ĠU L 32, tal-5.2.1999, p. 3.⁽⁵⁾ ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 10.⁽⁶⁾ ĠU L 270, tat-8.10.2002, p. 3.⁽⁷⁾ ĠU L 144, ta' l-4.6.1997, p. 6.⁽⁸⁾ ĠU L 175, tad-19.6.1998, p. 9.

L-ANNEX

"L-ANNEX II

Lista ta' aġenziji fil-pajjiżi esportaturi li għandhom l-awtorità joħorġu ċertifikati ta' awtentiċità

Pajjiż li mhux Membru	Aġenzija	
	Isem	Indirizz
Arġentina	Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos (SAGPyA), Coordinación de Mercados Ganaderos	Paseo Colón 922, 1 er Piso Oficina 146 (C 1063 ACW) Buenos Aires Arġentina
Awstralja	Dipartiment ta' l-Agricoltura, Sajd u Forestrija – Awstralja	Kaxxa Postali 858 Canberra,, ACT 2601
Botswana	Ministru ta' l-Agricoltura Dipartiment tas-Saħħa ta' l-Annimali u l-Produzzjoni	L-Uffiċju tal-Veterinarju Prinċipali (Biċċerija) Private Bag 12 Lobatse
In-New Zealand	Il-Bord tal-Laħam tan-New Zealand	Kaxxa Postali 121 Wellington
Swaziland	Ministeru ta' l-Agricoltura	Kaxxa Postali 162 Mbabane
Uruguay	Instituto Nacional de Carnes (INAC)	Rincón 459 Montevideo
L-Afrika t'Isfel	Il-Bord tal-Kontroll ta' l-Industriji Afrikani tat-Trobbija ta' l-Annimali u tal-Laħam	Hamilton and Vermeulen Streets Pretoria
Żimbabwe	Ministeru ta' l-Agricoltura Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji	Kaxxa Postali 8012 Causeway Harare Zimbabwe
Namibja	Ministeru ta' l-Agricoltura, l-Ilma u l-Iżvilupp Rurali Direttorat tas-Servizzi Veterinarji	Private Bag 12002 Auspanplatz Windhoek 9000 Namibia"